MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2005

Numru 993/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. Therese Sciberras)**
**vs**
**Ajedx Omar**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni mijuba kontra **Ajedx Omar** ta' 24 sena, bin Ahmed u Abiba, imwieled nhar is-16 ta' Novembru, 1980 gewwa Ramalla Palestina w detentur tan-numru tal-passaport mhux maghruf.

Talli;

F'dawn il-Gzejjer, fl-24 t' Ottubru, 2005 f'xi hin bejn nofsinhar u l-hdax ta' filghaxija f' 'Mind your Head Supermarket', li jinsab fi Triq ir-Ramel gewwa Bugibba/San Pawl il-Bahar, ikkommettejt serq ta' kontanti ta' aktar minn mitt lira Maltin [Lm100], liema serq huwa

ikkwalifikat bil-valur u dan bi ksur ta’ Art. 267 ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-ewwel seduta tal-kumpilazzjoni, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li nghata zmien jikkontempla l-konsegwenzi ta’ tali dikjarazzjoni;

Rat ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali kif ukoll in-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Stante l-ammissjoni, l-akkuza tirrizulta pruvata;

Rat l-art. 261(c), 267, 279 (a) tal-Kap. 9;

Peress illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri u wara li semghet ic-cirkostanzi li dwarhom ikkommetta r-rejat, il-Qorti hi tal-fehma li ghandu jibbenifika mill-applikazzjoni tal-art 21 Kap 9 u ghalhekk bl-applikazzjoni tal-istess, tinzel taht il-limitu u tikkundannah ghat-terminu ta’ prigunerija ta’ tletin [30] jum mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------